

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' Frar 2010**

**dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2008**

(2010/103/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Billi

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>(1)</sup> u emendat bil-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgo fil-25 ta' Ġunju 2005<sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern<sup>(3)</sup> dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni tal-ghajjnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim Intern”, li jistabbilixxi, fost affarrijiet oħra, id-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' EDF), u partikolarment l-Artikolu 32(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbi għad-9 Fond Ewropew għall-Żvilupp<sup>(4)</sup>, u partikolarment l-Artikoli 96 sa 103 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tad-disa' EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2008 u r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2008 flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni<sup>(5)</sup>,

(1) Skond l-Artikolu 32(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tad-disa' EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' EDF matul is-sena finanzjarja 2008 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jaġhti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' EDF għas-sena finanzjarja 2008.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
E. SALGADO*

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

<sup>(4)</sup> ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU C 269, 10.11.2009, p. 257.